MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Numru. 827/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**VS**
**EDWIN VASSALLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Edwin Vassallo, bin Emmanuel u Catherine nee’ Camilleri, imwieled Bormla, nhar l-10 t’ Ottubru 1961 residenti gewwa Flat 5, Entrance E, App. 21 ta’ Settembru. Triq Ghassaeli. Kalkara , detentur ta’ Karta ta’ l-Identita Maltija 667861M.

U billi akkuzat talli:

1. Fil-belt Vallletta, f’post pubbliku jew f’post espost ghall-pubbliku, nhar id-19 ta’ Marzu 2011, wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ta’ Sharimarja Ellul;

2. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku abbuza mill-kapacita tieghu bhala ufficjal pubbliku peress illi sabiex ikommetta reat that l-Artikolu 207 uza post li kellu access ghalih fil-kapacita tieghu bhala ufficjal pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet ir- rinunzja ta' l- kwerelanti fil-verbal datat 9 ta` Dicembru, 2011;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz in ezami il-kwerelanti wara l-apologija da parti tal-imputat, ghazlet li tirrinunzja ghal azzjoni kriminali u ghazlet li ma tixhidx.

Illi in vista tar-rinunzja tal-kwerelanti, l-provi da parti tal-prosekuzzjoni, kienu ristretti ghal rapport tal-ufficjal prosekutur.

Ghal- dawn il- mottivi u nvista ta' rinunzja ghal- azzjoni kriminali da parti tal- kwerelanti, il- Qorti tiddikjara li fil-konfront ta'l-ewwel akkuza, il-procediment huwa ezawrit waqt li fir-regward tat-tieni akkuza, issib lil imputat mhux hati fuq nuqqas ta' provi u tilliberah

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------